MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46/8

It-Tlieta 6 ta' April 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

046.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

046.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 44[9/3/2021] 45 [10/3/2021];

046.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

046.4 Bye Law – Kontroll tal-Hamiem;

046.5 Mozzjonijiet: Mozzjoni dwar it-talbiet ghal monumenti mill-Ghaqdiet Muzikali fil-Gudja;

046.6 Intervisti: Post Vakant ta` Ufficjal Ezekuttiv *(full time)* Skala 13;

046.7 Sejha ghall-Offerti: *GLC-01-2021 – Restoration, Reconstruction and Construction of Rubble Walls at Dawret il-Gudja, Vjal l-Avjazzjoni and Triq Santa Marija, Gudja (Measure 4.4)*

046.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

046.9 Rapporti;

046.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
   a. Triq iż-Żebbuġa – progress
   b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
   c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
   d. Ġnien Raymond Caruana – progress
   e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

046.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

046.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta` filgħaxija (6:15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**046.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-kunsilliera M Micallef talbet sabiex tigi skuzata. Din it-talba giet milqugha minn dawk prezenti.

**046.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 44[9/3/2021] 45 [10/3/2021]**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 44/9 nem con.

<u>Punti mqajjma mill-Minuti</u>

Il-Kunsillier S Caruana ghamel rimarka dwar punt 44.3.12 fejn irrimarka li huwa propona biex jinxtraw kotba neqsin minn dawl u dwar audio reading books.

Il-Kunsillier S Caruana ghamel rimarka fejn fil-minuti 45 propona sabiex isir bollard fi Triq San Ciru kantuniera ma` Triq R.Caruana.

**046.3. Komunikazzjoni mis-Sindku;**

046.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghat-tabella li twahhlet quddiem il-Palazz ta` Bettina, fejn infurmat lil dawk prezenti li minn naha taghha kienet talbet lill-IM sabiex jekk huwa possibli din it-tabella tigi izghar jew li tinzel iktar `l isfel biex ma telifx il-faccata. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Kunsill ghandu dejjem jigi nfurmat meta jkunu ser isiru xi xoghlijiet bhal dawn. Il-Kunsillier S Caruana zied jghid li fl-2018, il-Kunsill kien qabel li dik iz-zona tigi mdawra bil-bollards biex tinghata aktar dinjita. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex it-tabella titmexxa u ssir fil-maqrut ta` qabel il-Palazz. Il-Kunsillier MA Sammut propona li tabella ghandha ssir fuq ic-central strip ghax id-dawra tal-Palazz huwa skedat u li qed tinkiser il-policy. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru zewg tabelli, wahda fejn in-nicca ta` duluri u ohra fi Triq Hal-Tarxien.

046.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li dwar is-sitwazzjoni tal-mandat li kien hemm fuq il-bus shelter ta' Triq Hal Ghaxaq, fejn spjegat li fil-kaz dahlu wkoll IM. Is-Sindku ziedet tghid li sakemm tinqata' l-kawza ma jisghtux jitkomplew ix-xoghlijiet.

046.3.3 Dr. Vella ghamlet referenza ghall-applikazzjoni mahruga mill-LESA, fejn proponiet li l-Kunsill ghandu japplika ghal fondi sabiex isir open air gym fejn il-Palazz, fejn xi snin ilu kien mahsub li jsir dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil min dawk prezenti.

046.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-fondi li ghad fadal li l-Kunsill jista' jaghmel uzu minnhom sal-ahhar ta' Mejju 2021. Is-Sindku proponiet sabiex jinbidlu l-bankijiet ta' mad-dawra tal-Gnien R.Caruana. Dwar dan kien hemm qbil min dawk prezenti.

046.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar is-sitwazzjoni li tal-skart, specjalment fil-Housing Estate tal-Mithna, fejn qieghed jinhareg l-skart fil-boroz il-hziena u ghalhekk mhux qed jingabru mill-kuntrattur bil-kosegwenza li qed jispicca jigborhom il-Kunsill.

046.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza dwar il-problema li kien hemm fuq il-cable tad-dawl ta' madwar il-gnien R.Caruana, fejn spejgat li din il-problema kienet giet solvuta.

046.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien qed jigi mhejji l-kuntratt li ser jigi ffirmat mill-IM, l-Kunsill u l-kuntrattur tal-Kunsill dwar ix-xoghlijiet li ghandhom isiru fi Triq Santa Katerina u t-toroq l-ohra. Il-Kunsillier MA Sammut propona sabiex ix-xoghol jigi certifikat mill-perit tal-Kunsill.

046.3.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-applikazzjoni biex isir bollard fi Triq San Ciru kantuniera ma' Triq R.Caruana kienet giet sottomessa ma' TM.

046.3.9 Giet prezentata talba ta` resident sabiex isir bollard mall-kantuniera tal-faccata taghha peress li ftit tal-jiem ilu kien sar incident u baghqet diehla vettura fil-parapett taghha. Dwar dan il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu parir ta` TM biex isir xi forma ta` safety.

046.3.10 Is-Sindku prezentat il-proposta tal-Kunsill dwar skema tal-Librerija mahruga mill-AKL, fejn il-Kunsill approvah unanimament.

046.3.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar ittra li ntbghatet minn TM dwar il-one way li saret fi Triq tal-Lampat, fejn TM pogga tabella tal-one way fit-tarf ta` triq int u diehel minn Triq Hal Tarxien ghal-Triq il-Lampat b`hekk wiehed jista` jidhol biss minn naha ta` Santa Lucija. Il-Kunsill qabel li jitlob lill TM sabiex din il-one way titnehha.

046.3.12 Prezentati l-kwotazzjonijiet sabiex jinqata` l-haxix u jinqhalqu xi sigar fi Gnien iz-Zghazagh. Il-Kunsill approva l-irhas kwotazzjoni. Il-Kunsillier S Caruana qal li ser ikellem lil dik il-persuna li wriet interess li toffri xi sigar ta` zebbug sabiex dawn jithawlu f`dawn il-Gnien. Il-Kunsillier S Caruana propona wkoll sabiex jigu nstallati zewg arbli ta` dawl jahdmu bil-panelli.

046.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghat-talba li kien ghamel resident sabiex il-Kunsill ihallas ghad-danni li ghamel fil-vettura tieghu minhabba l-stat ta` Triq Santa Katerina. Is-Sindku qalet li resident kien ha jaghmel r-rapport mall-pulizija u ghalhekk proponiet li ghandu jsir il-hlas. Il-Kunsillier MA Sammut qal li IM ghandhom ihallsu ghal dawn id-danni.

046.3.14 Is-Sindku ghamlet referenza ghas-sitwazzjoni ta` parkegg fi Vjal it-Torri fejn hemm diversi double yellow line li dawn saru minn IM meta tlestiex it-triq. Is-Sindku tablet sabiex din iz-zona tigi riveduta minn TM sabiex tinstab soluzzjoni ahjar biex dawn id-double yellow lines jitnehhew. Il-Vici Sindku ssugerriexa li jitnehha double yellow line ta` man naha tal-ghalqa biex jintrebah xi parkegg.

046.3.15 Is-Sindku ghamlet refernza ghat-talba li giet mressqa minn resident li joghqod fi Triq il-Palma sabiex isir double yellow line hdejn il-garaxx tieghu. Is-Sindku proponiet li ghandu jsir traffic management ta` triq u toroq tal-madwar sabiex il-linji ta` traffiku jigu rrangati. Dwar dan kien hemm qbil.

046.4 **Bye Law – Kontroll tal-Hamiem;**

046.4.1 Is-Sindku prezentat il-bye law li giet mhejjiha kemm bil-lingwa Maltija u dik bl-Ingliz. Il-Kunsill approva dawn id-dokumenti u ghalhekk is-Sindku talbet sabiex jinbeda l-process sabiex tigi approvata minn naha tal-Ministru. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li sejha ghall-offerti ta` AKL kienet harget ukoll.

046.5 **Mozzjonijiet: Mozzjoni dwar it-talbiet ghal monumenti mill-Ghaqdiet Muzikali fil-Gudja;**

046.5.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar laqgha kordjali li saret ma` rapprezentati tal-Partit Politiku (Laburista) bejn iz-zewg kazini, fejn kompliet tghid li jidher li ntlahaq ftehim li l-post fejn kien ser jsiru l-munumenti ma jittiehed minn l-ebda kazin. Din il-laqgha saret wara li kien hemm talba mis-Socjeta La Stella. Is-Sindku kompliet tghid ftehmu wkoll li Socjeta La Stella tinghata prijrotia biex tkun hi l-ewwel li taghzel post alternattiv. Dan ifisser li zewg kazini ser ikollhom posta differenti minn xulxin fejn ser jaghmlu l-munumenti taghhom.

046.5.2 Il-Kunsillier MA Sammut staqsa kid dahal fin-nofs Partit Politiku u li mill-feedback li ghandu huwa miz-zewg kazini, m`huwiex kif gie spjegat mis-Sindku. Is-Sur Sammut kompla billi talab lis-Sindku terfa` responsabilita li gew miksura l-ordinijiet permanenti. Il-Kunsillier MA Sammut zied jghid li fil-laqghat li kellu ma` zewg kazini, gie nnutat li kien hemm xi affarijiet li l-Kunsill gie zgwidat dwarhom u nhbew xi fatti fejn l-Kunsill lanqas gie mgharraf li l-Ghaqa Muzikali Marija Assunta kienet ghaddiet xi pjanti ta-monument lill-Kunsill.

046.5.3 Il-Kunsillier MA Sammut ressaq u qara l-mozzjoni li huwa qed jipproponi u li giet ssekondata mill-Kunsillier S Caruana. Din il-mozzjoni giet iccirkulata qabel il-laqha lill-membri tal-Kunsill. (Mozzjoni annessa mall-Minuti).

046.5.4 Il-Kunsillier MA Sammut spjega li fid-dawl ta` xi zviluppi li kien hemm matul l-ahhar jiem, kien ser jipprezenta xi emendi relatai ma` din l-istess mozzjoni. (Emendi annessi mall-Minuti).

Ghal emenda li l-Kunsill jirtira li jaghmel l-munument tal-Kunsill fir-roundabout, Is-Sindku qalet li hija ma taqbilx u ghalhekk ghandhom jinsabu zewg postijiet differenti u l-post ta` roundabout ma jittiehed minn hadd ghax l-Kunsill diga beda jahdem fuq dan il-monument u fuq din il-lokazzjoni.

046.5.5 Is-Sindku ziedet tghid li fid-dawl tas-sitwazzjoni m`ghandhux jittiehed vot fuq dan meta kien hemm ftehim differenti bejn il-kazini. Kompliet billi qalet li huwa gust li zewg kazini jaghzlu zewg lokazzjonijiet differenti u s-Socjeta La Stella tkun hi li jkollha l-ewwel preferenza. Il-mozzjoni ghandha tigi sospiza u jekk kien hemm ftehim ghandu jinzamm u ma tinholoq l-ebda firda.

046.5.6 Il-Vici Sindku qal li huwa ma jisghtax jiehu parti f`din id-decizjoni minhabba konflitt ta` interess.

046.5.7 Il-Kunsillier MA Sammut qal li huwa jaqbel li m`ghandhux ikun hemm firda bejn iz-zewg kazini. Zied jghid li huwa ma jemminx dak li qed jinghad mis-Sindku.

046.5.8 Is-Sindku rrimarkat li waqt il-laqgha kordjali li saret bejn iz-zewg kazini, hija bl-ebda mod ma qalet li roundabout kienet disponibbli u li tista` tittiehed minn xi ghaqda.

046.5.9 Il-Kunsillier MA Sammut qal li din il-problema u sitwazzjoni holqieta Sindku u ghalhekk l-unika soluzzjoni hija li proposta tal-Kunsill sabiex jaghmel uzu mir-roundabout tigi rifjutata u jsir kif mixtieq miz-zewg ghaqdiet u l-Kunsill jsib post iehor alternattiv ghall-monument tieghu.

Il-Kunsillier MA Sammut talab vot fuq l-emendi li qed jipproponi ssekondati mill-Kunsillier S Caruana min huwa kontra u min huwa favur. Is-Sindku astejniet mill-vot. Il-Vici Sindku ma

046.5.10 ppartecipax fil-vot minhabba kunflitt ta` nteress. Il-Kunsillier MA Sammut ivvota favur u l-kunsillier S Caruana ssekonda u l-emendi gew approvati.

Il-Kunsillier MA Sammut talab vot fuq il-mozzjoni emendata proponuta minnu u ssekondata mill-

046.5.11 Kunsillier S Caruana min huwa kontra u min huwa favur. Is-Sindku astjeniet mill-vot. Il-Vici Sindku ma ppartecipax fil-vot minhabba kunflitt ta` interess. Il-Kunsillier MA Sammut ivvota favur u l-Kunsllier S Caruana ssekonda u l-mozzjoni ghaddiet.

046.6 **Intervisti: Post Vakant ta` Ufficjal Ezekuttiv *(full time)* Skala 13;**

046.6.1 Is-Sindku nfurmat li dawk prezenti dwar l-intervisti li saru lill-applikanti elegibbli li wrew interess fil-post vakant ta` Ufficjal Ezekuttiv, fejn spejgat li ghall-intervisti kien hemm prezenti s-Sindku, l-Kunsillier MA Sammut u s-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku kompliet tghid li ghal-ewwel intervista li saret b`mod virtwali attendew erbgha kanditati. Il-bord tal-intervisti talab sabiex isir it-tieni intervista fejn ghazel tlett kanditati, fejn ghall-intervista attendew tnejn biss. Is-Sindku ziedet tghid li l-Bord tal-ghazla qed jipproponi lis-Sinjura J.Pace sabiex tokkupa l-kariga ta` Ufficjal Ezekuttiv mall-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament l-ghazla tal-bord.

046.7 **Sejha ghall-Offerti: *GLC-01-2021 – Restoration, Reconstruction and Construction of Rubble Walls at Dawret il-Gudja, Vjal l-Avjazzjoni and Triq Santa Marija, Gudja (Measure 4.4);***

046.7.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li sejha ghall-offerti kienet harget u tghalaq fl-4 ta` Mejju 2021. Proponiet li l-evalwaturi jkunu l-istess evalwaturi li l-Kunsill hadem maghhom fil-passat u li l-Kunsill jghaddi l-offerti lill-Perit tal-Kunsill sabiex jhejji rapport tekniku li jigi prezentat lill-evalwaturi sabiex jkunu f`pozizzjoni ahjar biex jiggudikaw l-offerti. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

046.8 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

046.8.1 Il-Kunsillier S Caruana staqsa dwar jekk sarx ir-riflettur tal-statwa ta` Santa Marija.

046.8.2 Il-Kunsillier S Caruana rraporta xi hsarat ta` dwal li hemm f`diversi zoni, fosthom fi sqaq nru 27 fi Triq il-Kbira, fejn l-kappella fi Triq R.Caruana u floodlight fi Triq il-Kbira.

046.8.3 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex meta jitlestew ix-xoghlijiet mad-dawra tal-Gnien R.Caruana, jergghu jitwahhli l-bollards u l-u shapes ta` fejn hemm l-skola.

046.8.4 Il-Vici Sindku talab sabiex l-Kunsill jirraporta bozza li twahhlet xi gimghat ilu u baqghet ma xelghietx fi Triq Burglat.

046.8.5 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex isir mera fi Triq V.Pasmore sabiex wiehed ikun jista` jara minn gej minn Vjal it-Torri.

046.8.6 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jitnehha l-haxix li hemm mall-arblu ta` dawl fi tarf ta` Triq V.Pasmore.

046.8.7 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill johrog stqarrija dwar rapport li hareg fis-26 ta` Marzu 2021 li nstabu diversi fdalijiet punici. Fl-istqarrija l-Kunsill jghid li huwa ha nota ta` dawn is-sejbiet u li qed jitlov lill-awtorijiet sabiex dawn il-fdalijiet jigu priservati u jitpoggew f`post li jigu gawduti minn kulhadd specjalment mill-Gudjani. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

046.8.8 Il-Kunsillier S Caruana staqsa jekk kienx ser jinxtara xi ikel ghall-feeders tal-qtates mill-fondi li l-Kunsill ha permezz tal-skema LC Care. Is-Sindku qalet li dan kien ser jinxtara fil-gimghat li gejjin.

046.8.9 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir xi tip ta` bankina that il-bankijiet li twahhlu fejn ta` Loretu sabiex jigi evitat li tibqa diehla xi vettura fil-bankijiet u jweggu n-nies.

046.8.10 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jinqata` l-haxix hazin ta` Triq l-Ghelejjel.

046.8.11 Il-Kunsillier MA Sammut staqsa meta kienet ser isir laqgha annwali tal-komunita. Il-Kunsill qabel li laqgha ssir nhar b`mod virtwali nhar il-Hamis 15 ta` April fis-6:30pm.

046.8.12 Il-Kunsillier S Caruana staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar il-pavimentar ta` quddiem il-Kappella ta` Loretu. Is-Sindku qalet li minn naha tal-Ministeru ta` Infrastuttura qed jiehdu hsieb li tohrog is-sejha ghall-offerti biex isir ix-xoghol.

046.8.13 Il-Vici Sindku propona sabiex il-Kunsill kull nhar ta` Sibt jibda jdahhal haddiem mill-CWSEF sabiex inaddaf il-belveder ta` Loretu peress li qed jigi frekwentat minn bosta nies. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

046.9 **Rapporti;**

Ma kienx hemm rapporti.

046.10 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**
d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

9.05pm – 9:10pm Is-Sindku talbet sabiex il-laqgha taqleb fi stadju ta` kumitat sabiex jintervjeni resident wara l-Kunsill approva talba tieghu sabiex jintervjeni.

046.11 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-lista ta' pagamenti nru 23/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier MA Sammut u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €19,423.73 u ġiet approvata nem con.

046.12 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fid-disgha u kwart ta` filghaxija (9:15pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 4 ta` Mejju 2021 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 4 ta` Mejju 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv